**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Victor Lucien G Naessens**

**Kumpilazzjoni numru 643 / 2016**

**Illum 15 ta' Dicembru, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Victor Lucien G. Naessens** detentur tal-karta tal-identita' Belgjana bin-numru 592-3759584-42 billi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-7 ta' Dicembru 2016 ghall-habta ta' bejn l-ghaxra ta' filghodu (10:00hrs) u s-siegha u nofs ta' wara nofsinhar (13:30hrs) minn gewwa vettura tal-ghamla Citroen bin-numru ta' registrazzjoni FBN721 li kienet ipparkjata fi Triq San Gorg, San Giljan:

1. Ikkommetta serq ta' tablet tal-ghamla Apple I Pad Air 2 li jiswa Euro 550, ghad-detriment ta' Antoine Galea, George Delicata Wineries Ltd. u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur (aktar minn mitejn, tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (Euro 232.94) pero' anqas minn

elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Euros)) u bi xorti tal-haga misruqa.

2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq l-imsemmi tablet tal-ghamla Apple I Pad Air 2 ghad-detriment ta' Antoine Galea, George Delicata Wineries Ltd. u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin Euro (250 Euro).

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena fejn kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza dwar li l-Qorti ghandha tapplika dak li jipprovdi l-Att dwar il-Probation (Kap 446)

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti semghet lill-Prosekuzzjoni tistqarr li l-*parte civile* kienu hadu lura l-Apple iPad Air 2.

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

> *"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk*

*barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

**Decide:**

Il-Qorti rat li l-imputat ghandu fedina penali netta u li huwa student fil-qasam tal-*catering* fil-Belgju u kien Malta ghal btala, semghet lill-ufficjal prosekutur jiddikjara li l-imputat ikkopera mill-ewwel u rritorna qabel bdew dawn il-proceduri l-iPad, rat li diga' ghamel sitt ijiem arrestat minn dakinnhar li kien prezentat il-Qorti sas-seduta tal-llum u lil-imputat ghandu l-biljett lest biex jirritorna lura l-Belgju ghaliex missieru baghtlu l-flus halli jkun jista' jixtri l-biljett tal-ajru u jhallas ghal hsara li wettaq.

Il-Qorti wissietu li ghad ghandu futur sabih quddiemu jekk jirnexxielu jispicca l-istudji li qieghed jaghmel u jkun butler professjonali kif jixtieq isir. Il-Qorti spjegat li mhux sewwa li persuna tigi f'pajjizna ghal btala, jew biex tistudja jew minhabba ragunijiet umanitarji u tikser il-ligijiet tal-pajjiz li jkun qieghed jospithom

Ghaldaqstant, il-Qorti, issib lill-imputaat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

**DR JOSEPH MIFSUD**
**MAGISTRAT**